MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Avviz Numru. 231/2006

**Maltacom p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Michael Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici tablet lil konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u sebgha u sebghin lira maltija, wiehed u hamsin centezmu (Lm3,777.51) bilanc ta’ somma akbar rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21414813, 21420033, 21435336 u 21434989, dana skond iif jidher mid-dokumenti markati Dok. A u B.

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Rat il-verbal ta’ llum, 8 ta’ Mejju, 2007, fejn il-konvenut ammetta t-talbiet attrici.
Fuq l-iskorta ta’ din l-ammissjoni, l-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, seba’ mija sebgha u sebghin lira maltija, wiehed u hamsin centezmu (Lm3,777.51).

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------